TEATRU MALTA

Kuntratt għas-Servizz

# BENNEJ/PROKURATUR TAS-SETT U TAL-PROPS

ARTS COUNCIL MALTA

Teatru Malta huwa l-ewwel teatru nazzjonali ta' Malta u jiffoka fuq l-iżvilupp tat-teatru fil-gżejjer Maltin.

Qed infittxu li nimpjegaw fornitur ta' servizz b'esperjenza u entużjażmu biex iservi ta' **Bennej/Prokuratur tas-Sett u tal-Props**, biex jappoġġja t-tim tal-amministrazzjoni ta' Teatru Malta fit-twassil tal-prodott viżiv mixtieq tiegħu billi jibni jew jipprokura settijiet u props fi ħdan il-programm artistiku tat-teatru nazzjonali.

Il-Bennej/Prokuratur tas-Sett u tal-Props jirrispondi għad-Direttur Artistiku ta' Teatru Malta.

**Bażi**

Kuntratt għal servizz
fuq medja ta' 20 siegħa fil-ġimgħa

**Ħlas**

€12/siegħa + VAT
sa massimu ta' €9,500 + VAT f'sena

**Tul tal-kuntratt**

Sena

## Dmirijiet u responsabbiltajiet

- Jibni s-sett kif iddisinjat mid-disinjaturi ta' kull proġett u jikseb il-materjali skont ir-regolamenti tal-akkwist pubbliku u fi żmien xieraq;
- Jibni l-props kif iddisinjat mid-disinjaturi u d-diretturi skont kull proġett fi żmien xieraq;
- Jipprokura l-props kif mitlub mid-disinjaturi u d-diretturi skont kull proġett fi żmien xieraq;
- Jaħdem mad-disinjaturi tal-produzzjoni biex joħloq settijiet/props għall-estetika mixtieqa tal-proġetti;
- Jaħdem ma' tim ta' bennejja biex jibni s-sett skont l-aħjar tal-abbiltajiet tiegħu, filwaqt li ma jaffettwax il-miri u l-iskedi ta' żmien stabbiliti tal-proġetti;
- Jarma s-sett għal kull proġett assenjat u jikkonsenja l-materjali relevanti fl-imħażen ta' Teatru Malta;
- Jorganizza l-kunsinna tas-sett, materjali, u props lejn il-post u l-ġbir lura mill-post sal-maħżen;
- Jiftiehem mal-Amministratur Eżekuttiv dwar kwistjonijiet relatati mal-bini stabbilit għal kull proġett;
- Ikun disponibbli biex jbni u jarma l-elementi varji tas-sett fuq il-post kemm għall-provi kif ukoll għall-produzzjoni attwali ta' kull proġett assenjat;
- Jakkwista l-materjal meħtieġ biex jistabbilixxi l-prodott mixtieq;
- Jiftiehem u jikkomunika mad-diretturi u disinjaturi ta' kull proġett waqt li jibni s-sett/props jew jipprokura l-props bl-aħjar abilitajiet tiegħu;
- Ikun disponibbli għal laqgħat li jinkludu laqgħat fuq il-post, kif u meta mitlub mill-Amministratur Eżekuttiv u l-Maniġer tal-Produzzjoni;
- Ikun disponibbli biex jirranġa kwalunkwe ħsara matul il-perjodu tal-provi u tal-ispettaklu nnifsu f'kull proġett;
- Ikun disponibbli biex jattendi l-provi, kif u meta mitlub mill-Amministratur Eżekuttiv u l-Maniġer tal-Produzzjoni;
- Ikun f'konverżazzjoni kontinwa mad-Direttur Artistiku sabiex jiġi rispettat il-mandat artistiku tal-produzzjonijiet ta' Teatru Malta, u biex il-viżjoni tad-Direttur Artistiku tiġi implimentata;
- Jaqdi dmirijiet oħra fuq set u props kif assenjati mid-Direttur Artistiku ta' Teatru Malta.

## Ħiliet u kompetenzi

L-applikanti għandhom, sad-data tal-għeluq tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, ikollhom:

- 3 snin esperjenza ta' xogħol rilevanti, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-bini tas-settijiet, il-ħolqien u l-akkwist tal-props fis-setturi kulturali u kreattivi;
- Rekord ippruvat li kapaċi jleħħqu mal-iskadenzi;
- Għarfien u interess estensivi fis-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta;
- Kapaċità li jistabbilixxu u jżommu relazzjonijiet pożittivi ma' varjetà ta' kollaboraturi u partijiet interessati;
- Profiċjenza fl-Ingliż u l-Malti, b'ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni bil-fomm u bil-miktub;
- Ħiliet interpersonali u ta' smigħ eċċellenti;
- Entużjazmu u motivazzjoni biex iwasslu l-viżjoni ta' Teatru Malta;
- Kapaċità li jaħdmu kemm b'mod indipendenti kif ukoll fi ħdan tim, b'attenzjoni għad-dettall.

Il- Bennej/Prokuratur tas-Sett u tal-Props se jiġi magħżul fuq bażi tal-ħiliet u kompetenzi msemmija hawnhekk, kif ukoll fuq l-integrità artistika bbażata mill-esperjenza fuq ix-xogħol.

**Kundizzjonijiet tax-xogħol barra min-normali**

- Kapaċità li jaħdem taħt pressjoni;
- Flessibbiltà biex jaħdem fi tmiem il-ġimgħa u filgħaxija, skont ftehim reċiproku mal-Amministratur Eżekuttiv.

## Preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet, sostnuti bid-dokumentazzjoni meħtieġa, li għandhom jinkludu Curriculum Vitae dettaljat, għandhom jaslu għand **contact@teatrumalta.org.mt** sa **mhux aktar tard mill-14 ta' Frar 2020, f'nofsinhar**.

L-applikanti għandu jkollhom numru tar-reġistrazzjoni validu tal-VAT. Il-fornitur tas-servizz magħżul se jkun responsabbli għat-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kollha rilevanti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.